DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Awwissu 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2007/777/KE fir-rigward tal-introduzzjoni ta' trattament ġdid biex jinattiva l-virus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fi prodotti tal-laħam u l-kundizzjonijiet tal-importazzjoni mir-reġjun Russu ta' Kaliningrad

(notifikata bid-dokument C(2013) 4970)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/436/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari l-punti 1, 4 u 5 tal-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren trattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE ([2]) tistabbilixxi regoli għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u t-tranżitu u l-ħażna fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-laħam u ta' kunsinni ta' stonkijiet, bżieżaq tal-awrina u msaren trattati, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali. ([3]).

(2) Il-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom, minn fejn hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam u l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren trattati, sakemm dawn il-komoditajiet ikunu konformi mat-trattament imsemmi f'dik il-Parti. Fejn pajjiżi terzi huma reġjonalizzati għal skopijiet ta' inklużjoni f'dik il-lista, it-territorji reġjonalizzati tagħhom huma stabbiliti fil-Parti 1 ta' dak l-Anness.

(3) Il-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE tistabbilixxi t-trattamenti msemmija fil-Parti 2 ta' dak l-Anness, filwaqt li tassenja kodiċi lil kull wieħed minn dawk it-trattamenti. Dik il-Parti tistabbilixxi trattament mhux speċifiku "A" u trattamenti speċifiċi minn "B" sa "F", elenkati b'ordni ta' severità dejjem tonqos. Dawn huma t-trattamenti elenkati fl-Anness III għad-Direttiva 2002/99/KE li huma kkunsidrati effettivi fl-eliminazzjoni ta' ċerti riskji għas-saħħa tal-annimali marbutin ma' laħam u ħalib.

(4) L-Anness III għad-Direttiva 2002/99/KE ġie emendat dan l-aħħar permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/417/UE ([4]) sabiex jiġi introdott trattament effettiv kontra l-virus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fil-laħam rakkomandat fil-Kapitolu relevanti tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (il-Kodiċi Terrestri tal-OIE) ([5]).

(5) Għalhekk huwa opportun li tiġi emendata l-Parti 4 tal-Anness II għad-Deċiżjoni 2007/777/KE sabiex tiġi riflessa dik l-emenda għall-Anness III tad-Direttiva 2002/99/KE.

(6) Ir-Russja talbet biex tawtorizza l-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam u l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren trattati derivati minn annimali domestiċi bovini, annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq imrobbija fl-irziezet u annimali domestiċi ovini u kaprini mir-reġjun Russu ta' Kaliningrad li għaddew mit-trattament imsemmi hawn fuq li hemm dispożizzjoni dwaru fil-kodiċi Terrestri tal-OIE. Dak it-trattament issa ġie introdott bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/417/UE fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(7) Ir-reġjun Russu ta' Kaliningrad huwa attwalment elenkat fil-Parti 2 tal-Anness II għad-Deċiżjoni 2007/777/KE kif awtorizzat għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam u l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren trattati derivati minn annimali bovini domestiċi, annimali tal-kaċċa mrobbija bid-difer mifruq, annimali ovini jew kaprini domestiċi, annimali porċini domestiċi u annimali tal-kaċċa salvaġġi bid-difer mifruq li għaddew mit-trattament speċifiku "C".

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
([2]) ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49.
([3]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.
([4]) ĠU L 206, 2.8.2013, p. 13.
([5]) http://www.oie.int/index.php?id=169&L=0&htmfile=chapitre_1.8.5.htm

(8) Meta wieħed iqis is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fir-reġjun Russu ta' Kaliningrad, huwa xieraq li jiġu awtorizzati importazzjonijiet minn dak ir-reġjun fl-Unjoni ta' prodotti tal-laħam u l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren trattati minn annimali domestiċi bovini, annimali tal-kaċċa bid-difer mifruq imrobbija fl-irziezet u annimali domestiċi ovini u kaprini li għaddew mit-trattament speċifiku introdott fl-Anness III tad-Direttiva 2002/99/KE.

(9) Huwa għalhekk xieraq li jiġu awtorizzati importazzjonijiet bħal dawn fl-Unjoni mir-reġjun Russu ta' Kaliningrad u għalhekk l-entrati għal dak ir-reġjun fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE jiġu emendati kif jixraq.

(10) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2007/777/KE għandha tiġi emendata kif jixraq.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II għad-Deċiżjoni 2007/777/KE huwa emendat skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Awwissu 2013.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE hu emendat kif ġej:

(1) fil-Parti 2, l-entrata għar-Russja tinbidel b'dan li ġej:

"RU	Ir-Russja RU	XXX	XXX	XXX	XXX	A	XXX	A	C	C	XXX	A	XXX	A
	Ir-Russja ([3]) RU-1	C	C	C	B	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX
	Ir-Russja RU-2	C jew D1	C jew D1	C	B	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX"

(2) fil-Parti 4, wara l-entrata għat-trattament tal-laħam D, tiddaħħal l-annotazzjoni li ġejja għat-trattament tal-laħamD1:

"D1 = Is-sajran tajjeb ta' laħam, bl-għadam u bix-xaħam imneħħi minn qabel, soġġett għat-tisħin sabiex tinżamm temperatura interna ta' 70 °C jew akbar għal minimu ta' 30 minuta."